MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**DOREEN CLARKE**

Seduta tat-12 ta' Awwissu, 2010

Numru. 832/2010

**Il-Pulizija**
**[Spettur Christopher Pullicino]**
**[Spettur Edmond Cuschieri]**

**vs**

**Raymond Sultana**

**Illum, 12 ta’ Awissu 2010**

**Kumpilazzoni Numru: 832/2010**

**Il-Qorti**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Raymond Sultana, ta’ 53 sena, iben Nazzareno u Rosina nee Fabri’ imwieled Marsa f’l-10 ta’ Marzu 1957, residenti Block 3 Flat 3 Triq

Katerina Vitale Santa Lucia, u detentur ta’ karta ta’ identita b’numru 200757M.

Akkuzat talli fil-11 ta’ Awissu 2010 ghall-habta ta’ 5.30pm

1. Bil-hsieb li jaghmel delitt, wera dan il-hsieb d’atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni ta’dan id-delitt, liema delitt ma giex esegwiet minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta tieghu, liema delitt ta’ serq li kieku sehh kien ikun aggravat bil-vjolenza u bil-valur li jeccedi l-€2329.37 u sar ghad-dannu ta’ Maria Aloysia Suda u/jew persuini ohra.

2. U aktar, talli f’l-istess data lok u hin u cirkostanzi bla ordni skond il-Ligi ta’ l-awtorita kompetenti u barra mill-kazijiet li fihom il-Ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati arresta zamm jew issekwestra lil xi persuni u cioe li Maria Aloysia Suda kontra l-volonta taghha.

3. U aktar, talli f’l-istess data lok u hin u cirkostanzi hebb ghal Aloysia Suda u ikkagunalha ferieti ta’ natura hafifa fuq il-persuni taghha.

4. U aktar, talli f’l-istess data lok u hin u cirkostanzi fil-hin li kien qed jaghmel delitt kontra persuna kellu fil-pussess tieghu xi arma tan-nar, arma regolari, imitazzjoni ta’ arma tan-nar jew imitazzjoni ta’ arma regolari u cioe strument li jaqta u bil-ponta.

5. U finalment talli f’l-istess data lok u hin u cirkostanzi f’diversi bnadi f’dawn il-gzejjer zamm u garr strument li jaqta u bil-ponta minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija

Il-Qorti, giet mitluba sabiex f’kaz ta’ htija tikkundanna lill-imputat sabiex ihallas l-ispejjez li ghandhom x’jaqsmu mal-hatra tal-esperti, ai termini tal-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat li waqt l-udjenza mizmuma llum minn din il-Qorti bhala Qorti Struttorja l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet

migjuba kontra tieghu u kkonferma din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Rat l-artikoli 41(1)(a), 86, 217, 221, 261(a)(c) u 262 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikoli 6 u 55 tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti esebieti.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu; dawn ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura ta'l-imputazzjonijiet li taghhom l-imputat qed jinstab hati, il-koperazzjoni tieghu mal-pulizija, u l-ammissjoni f'l-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri; hadet in konsiderazzjoni ukoll il-fedina penali tieghu.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-artikoli 41(1)(a), 86, 217, 221, 261(a)(c) u 262 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikoli 6 u 55 tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati ta'l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u tikkundannah tlett (3) snin prigunerija. In oltre l-Qorti qed tikkundannah ihallas lir-Registratur ta' din il-Qorti l-ispejjez tal-periti nominati f'l-atti ta'l-inkjesta relattiva; il-hlas ghandu jsir fi zmien sitt (6) xhur minn meta jigi mitlub jeffetwa l-hlas.

Il-Qorti tirrikmanda lid-Direttur tal-Facilita Korrettiva ta' Kordin biex jiehu l-prekawzjonijiet kollha necessarji in vista tal-kundizzjoni medika ta'l-imputat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------